MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 72/2006

**Nazzareno sive Ronnie Zammit (I.D. Nru. 523350M)**

**Vs**

**Raymond Mifsud (I.D. Nru. 201965M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attur permezz ta' liema jitlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallsu s-somma komplessiva ta' elf seba' mija sitta u sebghin Lira Maltija (Lm1,776), illum ekwivalenti ghal €4,136.97, kwantu ghal hames mija disgha u erbghin Lira Maltija (Lm549), ekwivalenti ghal €1,278.82, bhala hlas dovut bir-rata ta' Lm9 (€20.96) kuljum mill-15 ta' Jannar 2006 sal-15 ta' Marzu 2006, kwantu ghas-somma ta' disa' mija sebgha u sebghin Lira Maltija (Lm977), ekwivalenti ghal €2,275.80, arretrati ekwivalenti ghal Lm3 (€6.99) kuljum li baqghu ma thallsux ghal perijodu mill-15 ta' Mejju 2005 sal-15 ta' Jannar 2006 billi ghal dan il-perijodu thallsu biss Lm6 (€13.97) kuljum flok Lm9 (€20.96), u kwantu ghas-somma ta' mitejn u

hamsin Lira Maltija (Lm250), ekwivalenti ghal €582.34, ghall-permess imhallas lit-Tourist Board, kollox skond il-kondizzjonijiet miftehma bejn il-kontendenti skond l-iskrittura privata iffirmata fil-15 ta’ Mejju 2005; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru bin-Numru 472/06, u bl-imghax legali sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat ir-Risposta tal-konvenut permezz ta’ liema jeccepixxi li: (i) it-talba ghall-hlas tas-somma ta’ elf hames mija sitta u ghoxrin Lira Maltija (Lm1,526), ekwivalenti ghal €3,554.62, hija afflitta mill-illecitu u konsegwentement it-talba ghall-hlas ta’ tali ammont ma tistax tigi milqugha minn din il-Qorti; (ii) fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, is-somma ta’ disa’ mija sebgha u sebghin Lira Maltija (Lm977), ekwivalenti ghal €2,275.80, ma hijiex dovuta minnu billi hu u l-attur kienu qablu li dan l-ammont ma kellux jithallas mill-konvenut; (iii) fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, is-somma ta’ hames mija disgha u erbghin Lira Maltija (Lm549), ekwivalenti ghal €1,278.82, ma hijiex dovuta, u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u li (iv) is-somma ta’ mitejn u hamsin Lira Maltija (Lm250), ekwivalenti ghal €582.34, indikata fir-Rikors promotur bhala “permess imhallas lit-Tourist Board” ma hijiex dovuta minnu peress illi *dan il-permess l-intimat ma kellu l-ebda relazzjoni ma’ xi ftehim li l-kontendenti setghu ghamlu bejniethom u qatt ma bbenefika mill-istess*;

Rat l-affidavit ta’ l-attur markat bhala Dok. “RZ” a fol. 11 sa’ 12 tal-process u rat l-iskrittura privata annessa ma’ dan l-affidavit bhala Dok. “A” a fol. 13 sa’ 17 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ l-Avukat Dottor Kenneth Grima waqt is-seduta tat-22 ta’ Jannar 2007[1], ix-xhieda in kontro-ezami ta’ l-attur waqt is-seduti tad-19 ta’ Frar 2007[2] u tas-26 ta’ Mejju 2008[3], ix-xhieda ta’ Raymond Vella waqt is-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2007[4], ix-xhieda ta’ Alexander Mizzi waqt is-seduti tal-15 ta’ Ottubru 2007[5] u tat-30 ta’

[1] Fol. 19 sa’ 22 tal-process.
[2] Fol. 25 sa’ 26 tal-process.
[3] Fol. 63 sa’ 65 tal-process.
[4] Fol. 38 sa’ 40 tal-process.
[5] Fol. 42 sa’ 45 tal-process.

Jannar 2008[6] u rat id-dokumenti minnu esebiti u markati bhala Dok. “AM” sa’ Dok. “AM3” a fol. 46 sa’ 52 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Raymond Pace waqt is-seduta ta’ l-14 ta’ Jannar 2009[7], rat l-affidavit tal-konvenut a fol. 86 sa’ 87 tal-process u d-dokumenti annessi mieghu a fol. 88 sa’ 90 tal-process u semghet ix-xhieda in kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2009[8];

Rat id-dokumenti Dok. “JF1”, Dok. “LW”, Dok. “YF” esebiti mill-attur a fol. 27 sa’ 33 tal-process u d-dokument Dok. “NZ” ukoll esebit mill-attur a fol. 66 sa’ 71 tal-process, rat id-dokument esebit mill-konvenut markat bhala Dok. “A” a fol. 57 tal-process u rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma komplessiva ta’ Lm1,776, illum ekwivalenti ghal €4,136.97, in esekuzzjoni tal-ftehim milhuq bejniethom bis-sahha ta’ l-iskrittura privata esebita a fol. 13 sa’ 17 tal-process. Din is-somma komplessiva tikkonsisti fl-ammont ta’ Lm549, illum ekwivalenti ghal €1,278.82, rapprezentanti hlas dovut bir-rata ta’ Lm9 (€20.96) kuljum mill-15 ta’ Jannar 2006 sal-15 ta’ Marzu 2006, fl-ammont ta’ Lm977, illum ekwivalenti ghal €2,275.80, rapprezentanti arretrati ekwivalenti ghal Lm3 (€6.99) kuljum li baqghu ma thallsux ghal perijodu mill-15 ta’ Mejju 2005 sal-15 ta’ Jannar 2006 billi ghal dan il-perijodu thallsu biss Lm6 (€13.97) kuljum flok Lm9 (€20.96), u fl-ammont ta’ Lm250, illum ekwivalenti ghal €582.34, rapprezentanti hlas effettwat lit-Tourist Board ghal permess.

In risposta ghat-talba attrici l-konvenut jeccepixxi li t-talba ta’ l-attur ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1,526, ekwivalenti ghal €3,554.62, hija afflitta mill-illecitu u ghalhekk ma

[6] Fol. 54 sa’ 55 tal-process.
[7] Fol. 77 sa’ 80 tal-process.
[8] Fol. 98 sa’ 101 tal-process.

tistax tigi milqugha minn din il-Qorti. Jeccepixxi wkoll li fi kwalunkwe kaz it-talba ghall-hlas avvanzata fil-konfront tieghu mill-attur ma ghandhiex tigi miqlugha ghaliex: (a) is-somma ta’ Lm977, ekwivalenti ghal €2,275.80, ma ghandhiex, bi qbil ma’ l-attur, tithallas minnu; (b) is-somma ta’ Lm549, ekwivalenti ghal €1,278.82, ma hijiex dovuta; u (c) is-somma ta’ Lm250, ekwivalenti ghal €582.34, ma hijiex dovuta minnu ghaliex ma kellu xejn x’jaqsam mal-permess li thallas mill-attur u qatt ma ibbenefika minnu.

Ma hemmx dubju li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata u determinata hi dik nascenti mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u cioè jekk il-ftehim milhuq bejn l-attur u il-konvenut bis-sahha ta’ l-iskrittura privata mertu tal-kontestazzjoni huwiex illecitu kif minnu pretiz.

Il-konvenut jibbaza din l-eccezzjoni fuq il-pretensjoni li l-iskrittura privata ffirmata bejnu u l-attur esebita a fol. 13 sa’ 17 tal-process, qatt ma messha saret billi tmur kontra r-regolamenti ta’ l-Awtorità Marittima ta’ Malta. Huwa jikkontendi li *mill-bidu kienu inqalghu problemi dwar dan l-ftehim partikolarment meta jiena gejt avzat minn Raymond Vella li l-ftehim kien wiehed li jmur kontra r-regolamenti tal-Malta Maritime Authority. Meta Vella qalli dan id-diskors, jiena kont avvicinajt lil Joe Farrugia tal-Malta Maritime Authority li kkonfermali dak li kien qalli Raymond Vella li dak il-ftehim kien imur kontra r-regolamenti. Fil-fatt is-Sur Farrugia kien tani dokument li qieghed nannetti ma’ dan l-affidavit li jindika kif il-ftehim li ffirmajt ma’ Ronnie Zammit ma setax isir…*[9]. In kontro-ezami waqt is-seduta tat-3 ta’ Dicembru 2009[10] il-konvenut kompla jghid illi *jiena stess kont ghamilt verifiki mal-Malta Maritime Authority u kont kellimt lis-Sur Farrugia tal-Malta Maritime Authority u meta wrejtu l-ftehim li jiena kelli ma’ l-attur, huwa qalli li dan il-ftehim kien kontra l-ligi u avzani biex immur nirranga kollox ma’ l-attur ghax inkella jharrikna t-tnejn. … Irrid nghid li meta kont mort kellimt lis-Sur Farrugia tal-Malta Maritime Authority u kont ghidtlu li l-ftehim kien sar ghal perijodu ta’ sentejn, huwa qalli li hemmhekk ma setax isir*

[9] Affidavit tal-konvenut a fol. 86 sa’ 87 tal-process.
[10] Fol. 98 sa’ 101 tal-process.

*ghal dan il-perijodu. Lanqas mill-Gvern ma seta' jsir ghall-perijodu ta' sentejn ghax il-post kien ghadu tal-Catamaran*.

Bis-sahha ta' l-iskrittura privata mertu tal-kontestazzjoni l-attur ikkonceda lill-konvenut *the water sports facilities known as Strand Board Hire covering permit for moorings and operate water sports from same area* ghall-perijodu ta' sentejn *di fermo* b'effett mill-15 ta' Mejju 2005 bir-rata ta' Lm9.00 (ekwivalenti ghal €20.96) kuljum, liema rata ma kenitx tinkludi l-VAT, taht il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati.

Ghalkemm il-konvenut jikkontendi li dan il-ftehim huwa illecita ghaliex a detta ta' John Farrugia ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta jmur kontra l-Ligi, fil-fehma tal-Qorti l-konvenut ma ressaqx prova li sodisfacentement tissostanzja dak minnu allegat. Jigi notat li l-unika prova li fuqha jistrih il-konvenut hija x-xhieda ta' Raymond Vella li mill-atti processwali jirrizulta li ma riedx jonora ftehim li kellu mal-konvenut u cioè li jikkontribwixxi verso l-hlas tar-rata ta' Lm9.00 kuljum dovuta mill-konvenut lill-attur skond l-iskrittura privata in kontestazzjoni.

Dan Vella xehed illi *is-Sur Farrugia ta' l-MMA kien qalli li jekk naghmlu xi kuntratt bejnietna dana huwa null. Meta kelli l-permess mill-Awtorità Marittima, imbaghad jien bdejt norbot id-dghajsa tieghi fejn kellu l-post is-Sur Zammit. Il-permess ghandu validità ta' sena u mbaghad jista' jigi mgedded. Fil-kaz tieghi però ma geddidtux ghax ma bqajtx aktar interessat. Il-konvenut Raymond Mifsud nafu. Dana ghandu ticket booth l-Strand u kien ibieghli l-biljetti u jiena niehu n-nies fuq cruise madwar il-portijiet. Jiena kont ukoll prezenti diversi drabi meta Mifsud kien qed jinnegozja ma' Zammit. Id-diskussjonijiet kienu qed iduru fuq il-fatt illi Zammit l-attur kien qed jikri lil Mifsud il-post fejn kien jibbertja Zammit. Jidher li fl-antik Zammit kellu xi permess biex jibbertja hemmhekk u peress li ma kienx qed juzah ghal xi snin il-permess baqa' ghandu peress li Zammit kien qed jaghmel xi certifikati tal-mard. Dana qaluli Zammit stess. Mifsud imbaghad kien ser jaqsam il-kera mieghi u ma' Pace tal-Yellow Fun. Meta Mifsud*

*imbaghad gie ghandi biex jiehu sehemu minn tal-kera jiena ghidtlu biex jaghtini kopja tal-kuntratt. Tahhuli. Hadtu fejn is-Sur Farrugia u qalli "dak turihulix ghax narrestakom" peress illi kien wiehed illegali. Il-Gvern jirraguna li la ser jaghti berth b'xejn ma kienx qed jippretendi li xi hadd jaghmel flus minn fuqu*[11].

Minn ezami akkurat ta' din ix-xhieda jirrizulta evidenti li Raymond Vella qed jihxhed dwar dak li allegatament qallu John Farrugia ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta u ma jghidx b'mod konkret kif u ghaliex il-ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenut huwa illecitu. Huwa veru li jallega li *l-Gvern jirraguna li la ser jaghti berth b'xejn ma kienx qed jippretendi li xi hadd jaghmel flus minn fuqu,* izda din hija mera allegazzjoni li ma giet sostanzjata bl-ebda mod. Barra minhekk jirrizulta mill-atti li l-*berthing facilities* jigu koncessi flimkien mal-permess ghall-operazzjoni ta' *water sports facilities* ghal liema permess ried isir hlas lill-Awtorità Marittima ta' Malta u ghaldaqstant mhux ghal kollox minnu li l-*berth* tkun qed tinghata b'xejn.

Huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li *kull ftehim ghandu favur tieghu l-presunzjoni tas-sincerità u tar-realtà [App. Civ. Carmelo Cini v. Alfred Zammit 1986 Vol. 70.2.204] u anke tal-legalità, u huwa l-oneru ta' min jallega l-kuntrarju li ghandu jressaq provi sodisfacenti ta' dak minnu allegat in omagg ghall-massima onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[12]. Il-vera prova sodisfacenti ta' dak allegat mill-konvenut, u anke minn Raymond Vella, setghet issir biss bix-xhieda ta' John Farrugia ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, li però ghal xi raguni ma tressaqx bhala xhud.

Fi kwalunkwe kaz minn ezami ta' l-atti processwali l-Qorti ma ssib li hemm xejn illecitu fil-ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenut bis-sahha ta' l-iskrittura privata mertu tal-kontestazzjoni.

---

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Ottubru 2007, fol. 38 sa' 40 tal-process.
[12] Innocent Farrugia v. Frank Cachia, Citaz. Nru. 1653/01 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Jannar 2005.

Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li *hija bla effett kwalunkwe obbligazzjoni maghmula fuq kawza falza jew illecita.* ***Illecita fis-sens meta l-kawza hija pprojbita mil-ligi, jew kuntrarju ghall-ghemil xieraq jew ghall-ordni pubbliku****. Il-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess generali*[13]*.*

Fiz-zmien meta giet iffirmata l-iskrittura privata in kwistjoni l-Ligi li kienet tirregola ir-registrazzjoni u licenzjar ta' dghajjes u basitmenti u l-uzu taghhom fl-ibhra territorjali ta' Malta, kien l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, Kap.352 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Legislazzjoni Sussidjarja relattiva, senjatament ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar Bastimenti Zghar, Avviz Legali 129 ta' l-2001[14]. Mill-imsemmija Att u Legislazzjoni Sussidjarja ma jirrizultax li t-trasferiment ta' permessi mahruga mill-Awtorità Marittima ta' Malta kien ipprojbit mill-Ligi, tali trasferiment kien permissibbli taht il-kondizzjonijiet imposti mill-Awtorità. Dana l-fatt gie kkonfermat minn Alexander Mizzi, rapprezentant ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta li xehed waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2007.

Ladarba t-trasferiment tal-permessi mahruga mill-Awtorità Marittima ta' Malta ma kienx ipprojbit mill-Ligi certament ma jistax jinghad illi ftehim li jikkontempla it-trasferiment ta' l-operazzjonijiet ta' *water sports facilities* bil-permessi necessarji inkluzi, bhalma kien il-ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenut bl-iskrittura privata mertu tal-kontestazzjoni, huwa illecitu. Jekk f'tali ftehim ma jigux osservati l-kondizzjonijiet imposti mill-Awtorità Marittima ta' Malta mal-hrug tal-permess, kif qed jikkontendi li gara f'dan il-kaz il-konvenut, fil-fehma tal-Qorti dak il-ftehim xorta wahda ma jistax jiqies illecitu ai termini tal-Ligi.

Il-konvenut jikkontendi li l-permessi li kellu l-attur biex jopera mix-Xatt ta' Tas-Sliema, inkluzi l-permessi ta' l-irmigg, ma gewx trasferiti f'ismu mal-firma ta' l-iskrittura privata in kontestazzjoni, izda gew trasferiti f'isem terzi

---

13 Lawrence Farrugia v. Fedela Carabott, Citaz. Nru. 1044/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004 u Artikoli 987 u 990 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Enfasi tal-Qorti.

14 Vide xhieda ta' Alexander Mizzi, rapprezentant ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2007, fol. 42 sa' 45 tal-process.

senjatament, l-operatur "Yellow Fun" – ossia Raymond Pace – u Raymond Vella proprjetarju u operator tal-lanca Lady Wood[15]. Skondu dan sar in vjolazzjoni tal-*conditions of temporary mooring permit* mahruga mill-Awtorità Marittima ta' Malta, partikolarment tal-kondizzjoni nru. 7 li tipprovdi li *this permit shall not be transferred to other parties unless permissions has been granted by the Executive Director (Yachting Centres Directorate)*.

Jekk dak li sar verament kien in vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet imposti mill-Awtorità Marittima ta' Malta u partikolarment tal-kondizzjoni nru.7, il-Qorti xorta wahda hija tal-fehma li l-ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenut bis-sahha ta' l-iskrittura privata in kontestazzjoni ma kienx illecitu. Il-kondizzjonijiet imposti mill-Awtorità mal-hrug tal-permess huma appuntu kondizzjonijiet marbuta mal-hrug u zamma fis-sehh tal-permess u ghalkemm jistghu jigu imposti bis-sahha ta' dak dispost fir-Regolamenti dwar Bastimenti Zghar, ma humiex u ma jistghux jitqiesu li huma ligi jew regolamenti. L-inosservanza ta' xi wahda jew iktar mill-kondizzjonijiet imposti mill-Awtorità mal-hrug tal-permess tista' se mai twassal ghar-revoka tal-permess da parte ta' l-istess Awtorità izda ma twassalx biex kontratazzjoni titqies illecita.

Minkejja dak allegat mill-konvenut fil-fehma tal-Qorti l-kondizzjonijiet imposti mill-Awtorità Marittima ta' Malta fuq il-permess ta' l-attur, inkluza l-kondizzjoni nru.7, gew debitament osservati fil-fethim milhuq bejn l-istess attur u l-konvenut.

Huwa fatt inkontestat li mal-firma ta' l-iskrittura privata in kwistjoni l-permessi ta' l-attur ma gewx trasferiti f'isem il-konvenut izda l-permess ghall-operazzjoni ta' *water sports facilities* mix-Xatt ta' Tas-Sliema gie trasferit b'mod temporaneju f'isem l-operatur Yellow Fun u gie trasferit favur il-lanca Lady Wood permess temporaneju li torbot ma' wiehed mill-irmiggi koncessi lill-attur mal-permess

[15] Vide affidavit ta' l-attur a fol. 86 u 87 tal-process u xhieda in kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru 2009, fol. 98 sa' 101 tal-process.

tieghu ghall-operazzjoni ta' *water sports facilities*[16]. Mill-provi prodotti però jirrizulta li dan kien necessarju ghaliex il-konvenut kien ser jippresta servizzi lit-turisti tramite l-Yellow Fun u l-lanca Lady Wood.

Dana l-fatt gie kkonfermat mill-konvenut stess illi xehed *il-ftehim li jirreferi ghall-operations mill-bahar iffirmajtu jiena personalment flimkien ma' l-attur. Jigifieri l-partijiet huma biss jiena u l-attur. Ghalkemm kont dehert jien biss fuq il-kuntratt nghid li bhala fatt dawn l-operations kellhom isiru bejn tlieta min-nies u l-attur kien jaf b'dan. Tant hu hekk li wiehed miz-zewg partners l-ohra kien is-sensar fuq dan il-ftehim … meta jiena semmejt iktar qabel fix-xhieda tieghi partners, irrid nghid li dawn kienu l-operatur tal-Yellow Fun u l-operatur tal-Lady Wood. Il-ftehim kien li ahna naqsmu r-rata dovuta lill-attur bejnietna, tal-Yellow Fun jghabbi n-nies minn mal-moorings u jehodhom fuq l-eskursjonijiet tieghu, tal-Lady Wood jghabbi lin-nies ukoll minn dawk il-moorings u jehodhom eskursjonijeit fil-harbour u jiena kont niehu hsieb li nibbukkja u naqta' l-biljetti ghal dawn iz-zewg operators*[17], kif ukoll minn Raymond Pace illi xehed *jiena qieghed fin-negozju tal-bahar. Naf illi l-attur ghandu licenzja biex jopera servizzi tal-bahar minn lokal u jiena kelli licenzja biex nopera l-istess servizz minn lokal iehor. Ghalhekk jiena laqqajt liz-zewg partijiet, lill-attur u lill-konvenut sabiex flimkien naghmlu negozju. Jiena hajjart ukoll lil terza persuna Raymond Vella li kellu lanca maghrufa bhala 'Lady Wood' sabiex jidhol maghna f'dan in-negozju. L-idea tieghi kienet li nohorgu servizz gdid ghat-turisti minn Tas-Sliema fejn kont involut bl-ingenji tieghi. Naf illi l-attur u l-konvenut kienu ghamlu ftehim bejniethom fuq dan l-ahhar progett u bdejna nahdmu … Fin-negozju li ghamilna jiena kont nopera bil-'Yellow Fun', Raymond Vella kien jopera bil-'Lady Wood' u l-attur kellu zewg dghajjes, li però m'inhix cert jekk fil-fatt nizilx bihom tul iz-zmien illi operajna. Meta applikajna l-Malta Maritime ghall-permess ahna nizzilna d-dghajjes illi kellu l-attur u nizzilna wkoll id-daghjsa illi kelli*

[16] Xhieda xhieda moghtija minn Alexander Mizzi waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2007, fol. 42 sa' 45 tal-process.
[17] Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru 2009, fol 98 sa' 101 tal-process.

*jien u d-daghjsa li kellu Raymond Vella u dana ghamilnih peress li ahna ma stajniex noperaw mill-Strand minghajr il-permess li digà kellu l-attur, allura permezz ta' dan il-permess ahna stajna nahdmu lkoll flimkien.*

Ghalhekk kontra dak allegat mill-konvenut mhux talli l-ftehim milhuq bejnu u l-attur mhux illecitu talli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-kondizzjonijiet imposti mill-Awtorità Marittima ta' Malta, partikolarment il-kondizzjoni dwar it-trasferiment tal-permessi, gew debitament osservati.

Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li ghalkemm qed jigi allegat li l-ftehim milhuq bejn l-attur u l-konvenut hu illecitu u li John Farrugia ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta kkontesta l-validità ta' l-istess, l-Awtorità ma jidhirx li hadet passi fil-konfront ta' l-attur u lanqas jidher li rtirat il-permessi tieghu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda.

Sorvolata din il-kwistjoni jehtieg issa jigu trattati t-tieni u tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fejn jeccepixxi li: (a) is-somma ta' Lm977 (€2,275.79) ma hijiex dovuta stante li l-kontendenti kienu qablu li din ma kellhiex tithallas mill-intimat; u li (b) is-somma ta' Lm549 (€1,278.82) ma hijiex dovuta.

L-attur jikkontendi li s-somma ta' Lm977 (€2,275.79) tirrapprezenta arretrati ekwivalenti ghal Lm3.00 (€6.99) kuljum li baqghu ma thallsux ghall-perijodu mill-15 ta' Mejju 2005 sal-15 ta' Jannar 2006, billi ghal dan il-perijodu thallsu biss Lm6.00 (€13.97) kuljum flok ir-rata mifthema ta' Lm9.00 (€20.96).

Ai termini ta' l-iskrittura privata mertu tal-kontestazzjoni r-rata dovuta mill-konvenut lill-attur ghall-perijodu bejn il-15 ta' Mejju 2005 u l-14 ta' Mejju 2007 (jigiferi ghall-perijodu ta' sentejn) kellha tkun ta' Lm9.00 kuljum, izda il-konvenut jikkontendi li dan l-ammont ma kienx kollu dovut minnu u fi kwalunkwe kaz id-differenza bejn ir-rata miftehma u dak

attwalment mhallas ghall-perijodu bejn il-15 ta' Mejju 2005 u l-15 ta' Jannar 2006 ma kellux, bi qbil ma' l-attur, jithallas.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid *id-diskors li kellna kien bejni u Zammit flimkien ma' Raymond Pace u Raymond Vella kien illi Zammit jikrilna l-koncessjoni li huwa ghandu The Strand Sliema u dan skond permessi mahruga mill-Malta Maritime Authority. Ghalkemm l-iskrittura iffirmajtha jiena u Ronnie Zammit, Zammit dejjem kien jaf illi d-diskors kien jinkludi lit-tnejn l-ohra wkoll jigifieri lil Raymond Vella u Raymond Pace. … Illi dwar dan il-ftehim iltaqjna diversi drabi biex naraw kif insolvu l-kwistjoni u sahansitra kellna appuntament ghand l-avukat Grima li ghalih kien prezenti Raymond Pace. F'dan il-ftehim konna qbilna illi jiena u Pace inhallsu 2/3 tal-ammont li kien imnizzel fl-iskrittura u fil-fatt dan thallas permezz ta' cheque tieghi u cheque iehor ta' Raymond Pace li t-tnejn issarfu*[18].

Raymond Pace xehed illi *naf illi l-attur u l-konvenut ghamlu ftehim bejniethom fuq dan l-ahhar progett u bdejna nahdmu, però x-xoghol ma kienx kif stennejna li kien ser ikun. Mhux min-naha tieghi izda min-naha ta' Raymond Vella u ghalhekk dan ta' l-ahhar sehemu ma riedx ihallsu u nqalghet kwistjoni. Biex ma jkunx hemm disgwid Ronnie Zammit l-attur hafer l-ammont li kellu jiehu minghand Raymond Vella però n-negozju spicca fix-xejn*[19].

Kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenut u minn Raymond Pace dan l-allegat ftehim fejn l-attur hafer il-hlas ta' terz tar-rata gornaliera dovuta skond l-iskrittura privata mertu tal-kontestazzjoni ma jirrizultax. Ghalkemm il-konvenut jipprova jissostanzja dak minnu allegat bil-fotokopja ta' zewg cheques mibghuta lill-konsulent legali ta' l-attur u covering letter *relattiva*[20] ikoll datati 30 ta' Jannar 2006, in verità mill-istess dokumenti,

[18] Affidavit tal-konvenut, fol. 86 u 87 tal-process.
[19] Xhieda moghtija minn Raymond Pace waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2009, fol. 77 sa' 80 tal-process.
[20] Fol. 89 u 90 tal-process.

partikolarment l-ittra a fol. 89 tal-process, tirrizulta sitwazzjoni differenti minn dik esposta mill-konvenut. L-ittra in kwistjoni tghid illi *ma' din l-ittra ghandek issib zewg cheques ta' Lm565.79 u Lm356.73 rispettivament, liema pagamenti huma rapprezentanti tal-kumplament tas-somma dovuta lill-klijent tieghek* [l-attur] ***salv ghall-ammont li gie kkontestat fl-ittra precedenti**. **Ghalhekk nitolbok sabiex il-klijent tieghek jiehu passi biex jitnehha l-mandat ta' sekwestru***[21]*.* Minn din l-ittra assolutament ma jirrizultax illi intlahaq xi forma ta' ftehim fejn ir-rimanenti terz mir-rata dovuta nhafer, anzi jirrizulta li l-hlas ta' dak is-sehem baqa' pendenti u mhux konkluz.

Ghalkemm f'dak l-istadju l-attur seta' accetta l-hlas ta' zewg terzi mir-rata dovuta b'daqshekk ma jfissirx li huwa gie li rrinunzja ghar-rimanenti terz. Jibda biex jinghad li rinunzja ghal kwalunkwe dritt trid tkun cara w univoka u meta jsiru trattattivi bejn partijiet bl-iskop li tigi esplorata l-possibilità ta' xi ftehim, kif jidher li kien il-kaz hawnhekk – ossia biex jitnehha Mandat ta' Sekwestru li kien inhareg mill-attur, dawn dejjem isiru minghajr pregudizzju[22].

Is-somma ta' Lm977 (€2,275.79) mhux biss hi dovuta lill-attur izda hija dovuta lilu mill-konvenut. Anke jekk kien hemm arrangement bejn il-konvenut, Raymond Pace u Raymond Vella biex ir-rata ta' Lm9.00 (€20.96) kuljum tinqasam bejniethom it-tlieta, dan kien arrangement bejniethom li bl-ebda mod ma kien u seta' jorbot lill-attur, anke jekk kien jaf li bejniethom kellhom dan il-ftehim. Id-drittijiet u obbligazzjonijiet ta' l-attur johorgu mill-iskrittura privata in kontestazzjoni u minnha johrog car li kien il-konvenut u l-konvenut biss li ntrabat fil-konfront ta' l-attur li jhallsu r-rata ta' Lm9.00 (€20.96) kuljum ghall-koncessjoni moghtija bis-sahha ta' dik l-iskrittura privata. Il-konvenut se mai kellu, in bazi ghall-ftehim milhuq bejnu, Raymond Pace u Raymond Vella, dritt li jigbor minghandhom sehemhom minn din ir-rata.

---

[21] Enfasi tal-Qorti.

[22] GasanMamo Insurance Agency Limited noe v. Oliver Ruggier, Appell Civili 107/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Novembru 2004.

Ghalhekk it-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda wkoll.

Bit-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut jeccepixxi li s-somma ta’ Lm549 (€1,278.83) – li tirrapprezenta hlas dovut bir-rata ta’ Lm9.00 kuljum ghall-perijodu bejn il-15 ta’ Jannar 2006 u l-15 ta’ Marzu 2006 – ma hijiex dovuta, u dan kif kellu jigi ippruvat minnu waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Mill-atti processwali ma tirrizulta ebda prova li sodisfacentement tissosstanzja din l-allegazzjoni u fid-dawl tal-fatt li l-ftehim milhuq bejn il-konvenut u l-attur kien wiehed validu, ma hemmx dubju li dan l-ammont huwa effettivament dovut mill-konvenut lill-attur.

Jinghad illi jekk il-progett li kellu f’mohhu l-konvenut ma rnexxiex, huwa ma ghandu ebda dritt li jippretendi li l-ftehim milhuq ma’ l-attur jispicca fix-xejn. Ladarba dahal f’certu obbligazzjonijiet ma’ l-attur, irnexxa jew ma rnexxiex in-negozju minnu prospettat, dawk l-obbligazzjonijiet xorta wahda jridu jigu onorati, partikolarment meta jidher b’mod car li l-attur ma kellu assolutament xejn x’jaqsam mal-fatt li l-progett ma kellux l-ezistu mistenni.

B’hekk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Jifdal issa li tigi trattata l-ahhar eccezzjoni sollevata mill-konvenut u cioè li s-somma ta’ Lm250 (€582.34) indikata fir-Rikors promotur bhala *permess imhallas lit-Tourist Board* ma hijiex dovuta minnu ghaliex huwa ma kellu l-ebda relazzjoni ma’ xi ftehim li sar ghall-ottjeniment ta’ dan il-permess u qatt ma bbenefika minnu.
Mill-import ta’ din l-eccezzjoni johrog car li l-konvenut mhux qed jikkontesta l-fatt li l-attur effettivament hallas is-somma ta’ Lm250 (€582.34) lit-Tourist Board ghall-hrug ta’ permess izda, jikkontendi li ma huwiex tenut jirrifondi dan l-ammont lill-attur billi ma kellu ebda relazzjoni guridika ma’ l-ottjeniment tal-permess u ma ibbenefikax minnu. Fid-dawl ta’ dak kollu appena osservat dwar dak li jirrizulta mill-provi prodotti huwa immedjatament evidenti li din l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi milqugha.

Mill-gdid jigi ribadit illi ghad li l-permessi ma hargux f'isem il-konvenut, inhargu fuq id-dghajjes li kienu ser jigu utilizzati minnu biex jirrendi servizzi mix-Xatt ta' Tas-Sliema u ghalhekk altru milli ma bbenefikax minnhom! In vista ta' l-obbliazzjonijiet minnu assunti fil-konfront ta' l-attur bis-sahha ta' l-iskrittura privata mertu tal-kontestazzjoni, ma hemmx dubju li r-refuzjoni lill-attur ta' dak minnu imhallas ghall-hrug tal-permess hija dovuta mill-konvenut.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut javvanza kontestazzjoni ohra kontra t-talba ta' l-attur ghall-hlas tas-somma ta' Lm250 u cioè li *l-LM250 li qed jippretendi mighandi Zammit jirreferu ghal zmien li ma kellux x'jaqsam xejn ma' dak li tkellimna*[23]*,* izda dak minn affermat ma jinsab sostanzjat bl-ebda prova u ghalhekk din il-kontestazzjoni wkoll ma ghandhiex tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ir-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenut ghandha tigi michuda wkoll.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma komplessiva ta' €4,136.97, ekwivalenti ghal Lm1,776, bl-imghax legali dekoribbli mis-7 ta' Marzu 2006, id-data tar-Rikors promotur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 472/06, jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[23] Fol. 87 tal-process.